FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-11 TA' GUNJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
EDGAR PORTELLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edgar Portelli ta' 37 sena iben Giuseppe u Lilian nee Dimech imwieled Sliema fis-13 ta' Frar 1963, u residenti numru 31, Valencia, Triq il-Mohriet, Attard u bin-numru tal-identita 150463M talli f'dawn il-gzejjer fid-29 ta' Novembru 2000 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula mnnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond numru 31, Valencia, sitwat fi Triq il-Mohriet Attard jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix Lm1000 u dan kollu bi ksur tal-artikolu 261, 263(a), 264(1), 267 u 270 rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmine ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku u fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur tal-artikolu 326(1) c u f tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi in fatti il-proceduri ghal serq ta' elettriku kien imisshom inbdew kontra persuna ohra ghajr l-imputat u cioe kontra l-okkupant tal-fond 31, Valencia, Triq il-Mohriet, Attard li kien jirrisjedi f'dan il-fond fil-perjodu indikat fic-citazzjoni.

Illi dan il-persuna zgur illi mhuwiex l-imputat kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Theuma u dik ta' Silvio Decelis tal-enemalta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.